MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2007

Avviz Numru. 37/2007

**Joseph Farrugia, Sindku ta' B'Bugia (ID Nru 642244 M)**

**vs**

**Victor Camilleri (detentur tal-karta ta' identita' numru 305749 M) Editur Registrat, *Il-Mument***

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur fit-13 ta' Frar 2007 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li prevja dikjarazzjoni li huwa responsabbli ta' malafama fil-konfront ta' l-attur bil-pubblikazzjoni tal-artikolu "*Kunsill Lokali Birzebbugia – Il-gvern ighin lil-lokalita'*" ippubblikat f'pagna 11 tal-harga ta' Il-Mument tat-28 ta' Jannar 2007, koncernanti kirja ta' garage lill-Kunsill fejn fejn allega konflitt ta' interess, ta' liema artikolu qieghda tigi annessa kopja u markata bhala Dok A, u dana stante illi bhala Editur tal-gurnal fuq imsemmi, ppermetta li jigu ppubblikati

allegazzjonijiet li huma malafamanti, libelluzi u li jirrapprezentaw fatti ghal kollox inveritjeri u foloz fil-konfront ta’ l-attur, u ghalhekk intizi sabiex itellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni u l-unur ta’ l-istess attur, u jesponihom ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku, u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza; ihallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti ai termini ta’ l-Artikolu 28 tal-Att dwar ta’ l-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta’ Malta)

Ghal finijiet ta’ kompetenza jigi dikjarat li l-ammont pretiz ma jeccedix is-somma ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5,000).

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Victor Camilleri fejn eccepixxa:

Illi l-pubblikazzjoni mhix libelluza billi tammonta ghal *‘fair comment’* dwar fatti sostanzjalment korretti u ta’ interess pubbliku.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza l-attur qieghed jallega malafama f’pubblikazzjoni li saret mill-konvenut qua editur tal-gazzetta *‘Il-Mument’* fil-harga tal-Hadd 28 ta’ Jannar 2007. F’din il-harga l-konvenut ippubblika kumment dwar kaz ta’ konflitt ta’ interess illi seta’ kellu s-Sindku ta’ Birzebbugia l-attur odjern f’kiri ta’ fond illi fih kellu sehem. Il-bran illi l-attur ilmenta minnu huwa s-segwenti *“ma tantx ikollna okkazzjonijiet li nsemmu lil dan il-lokal f’dawn il-pagni imma minn dokumenti tal-Kunsill jirrizulta li hawnhekk is-Sindku jikri garage lill-Kunsill bi hlas ta’ disa’ mitt lira fis-sena li jidhrilna hu kaz ta’ kunflitt ta’ interess..”* Il-fatti dwar dan il-kaz huma s-segwenti:

Il-fond inkwistjoni huwa mahzen jew garage proprjeta’ tas-socjeta’ Ricky Limited illi l-attur huwa wkoll wiehed mid-diretturi. Fil-1997 il-Kunsill Lokali ta’ Birzebbugia hareg sejha ghall-offerti ghal kiri ta’ fond. Ghall-ewwel zewg hargiet hadd ma offra. Regghet harget ghat-tielet darba u din id-darba offriet is-socjeta’ Ricky Limited. Meta l-attur informa lill-Kunsill dwar interess li kellu f’din il-kirja hareg ‘l barra mid-diskussjoni pero’ sussegwentement il-Kunsill iddecieda illi jaccetta l-offerta u kera l-mahzen fl-ammont ta’ erba’ mitt lira (Lm400).

Wara hames snin l-attur deherlu li kellu jkun hemm revizzjoni tal-kera, ghalhekk talab il-fond lura. Il-Kunsill hareg sejha ghall-offerti, pero’ ma rrisponda hadd. Hawnhekk il-Kunsill iddecieda li jzomm il-ftehim originali u jiddiskuti direttament ma’ l-attur dwar zieda fil-kera. Gie propost ammont ta’ kera sekondat minn membru iehor tal-Kunsill u l-attur accetta l-kera offert fis-somma ta’ disa’ mitt lira (Lm900).

George Galea a fol 20, s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill spjega *“nista’ nikkonferma illi fiz-zewg istanzi kemm fil-1997 u kemm fit-2002, is-Sindku u cioe’ l-attur kien prezenti waqt id-diskussjoni ghad illi ma hax parti fiha. Fit-tieni okkazzjoni pero’ ppartecipa biss biex ta l-go ahead tieghu ghall-kiri tal-fond bil-prezz suggerit.”*

Kontro ezaminat l-attur (fol 19) ighid *“jiena nammetti illi bhala fatti huma vera kif riportati fl-artikolu, pero’ hadt ghalija u hassni li kont malafamat meta gie allegat li kelli kunflitt ta’ interess.”*

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta’ dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti ssib illi ma tistax ticcensura lill-konvenut ghall-kummenti illi ghamel dwar il-posizzjoni ta’ l-attur fil-kwistjoni tal-kiri ta’ fond proprjeta’ tieghu. Kif ammetta l-istess attur, il-fatti kif riportati huma vera. Irrizulta li huwa proprjetarju ta’ mahzen li sussegwentement gie mikri lill-Kunsill Lokali illi tieghu huwa Sindku. Ma hemm xejn hazin b’dan sakemm

il-procedura tkun osservata u t-trasparenza tkun rikonoxxuta fl-interess tal-pubbliku. Jidher illi f'dan il-kaz il-procedura ma gietx osservata fl-intier taghha specjalment fit-tieni okkazzjoni meta l-attur kien accetta s-suggeriment li l-kera jizdied ghal disa' mitt lira (Lm900). F'dan il-kaz huwa kien fl-obbligu skond ir-regolamenti tal-Kunsill Lokali Artikolu 19(b) illi johrog barra mill-kamra fejn kienet qieghda ssir id-diskussjoni. Dana ma sarx, ghad illi l-partecipazzjoni ta' l-attur kienet limitata ghall-accettazzjoni tal-kera suggerit, pero' dan mhuwiex il-kontroversja partikolari f'din il-kawza. Dina ddur dwar id-dritt tal-konvenut li huwa jippubblika opinjoni u kummenti dwar il-fatti illi kellu quddiemu.

Ikkunsidrat:

Fil-fatt wara illi rrapporta illi l-mahzen kien mikri bic-cifra ta' disa' mitt lira (Lm900) kkwalifika l-kumment tieghu bil-kelma *"jidhrilna".* Hawnhekk il-konvenut qua editur qieghed jesprimi opinjoni li l-kirja setghet ma kienetx gusta u setghet tigi nterpretata mod iehor. Il-Qorti ma tarax kif tista' ticcensura kumment bhal dan meta l-fatti li fuqu huwa bazat dak il-kumment huma sostanzjalment korretti.

Il-gurisprudenza lokali hija ferm profuza fuq dan il-punt u cioe' illi darba jirrizulta illi l-fatti riportati huma korretti, allura f'dak il-kaz il-kummenti huma liberi (ara Onorevoli Alfred sive Freddie Micallef vs Victor Camilleri Appell 31 ta' Mejju 2002 u Angelo Fenech pro et noe vs Anthony Montanaro et Appell 21 ta' Jannar 1993).

F'kawza deciza mill-Prim Awla fl-ismijiet Victor Pace vs Joe Azzopardi fit-28 ta' Ottubru 1993 il-Qorti kienet qalet li kumment jista' jkun fair biss jekk inhuwa bazat fuq fatti veri u kompleti. Din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju illi l-fatti kif riportati huma veri u kompleti u fuq dan allura l-konvenut kien liberu illi jikkummenta u ma jistax jigi censurat talli esprima opinjoni fil-parametri tal-ligi. Bhal li kieku dana mhuwiex bizzejjed, il-Qrati taghna dejjem stabbilew li fejn si tratta ta' persuna pubblika, enti governattivi jew Kunsill Lokali l-livell ta' tolleranza ghall-

kritika kellhom ikunu ferm aktar wiesa'  minn dawk ta' persuna privata.
L-aktar wahda ricenti u li forsi l-aktar li kellha effett fuq il-gurisprudenza lokali hi d-decizzjoni moghtija mill-*"European Court of Human Rights"* fl-24 ta' April 2007 fl-ismijiet *"Lombardo et vs Malta"* fejn fost affarijiet ohra l-Qorti qalet illi Kunsill lokali *"being an elected political body made up of persons mandated by their constituents, should be expected to display a high degree of tolerance to criticism."*  F'dan il-kaz ghad illi l-Kunsill Lokali mhuwiex qed jigi citat, huwa l-attur li identifika ruhu bhala Sindku tal-Kunsill Lokali ta'  Birzebbugia  li ghamel il-kawza u ghalhekk bhala tali,  kellu juri "*a high degree of tolerance to criticism".*  Dana zgur li ma uriehx bl-istituzzjoni ta' din il-kawza biex jiccensura kritika li l-Qorti jidhrilha kienet mita u f'waqtha mehud in konsiderazzjoni l-fatti li l-konvenut kellu quddiemu dak il-hin, liema fatti kienu veri u kompleti.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------